MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 67/2005

**Middlesea Insurance p.l.c. (C 5553)**

**Vs**

**P.G.T. Co. Limited (C 2278)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici tablet lis-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf, disa' mija u disgha u hamsin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm1,959.45) rapprezentanti *premium* u boll dovuta mis-socjeta' konvenuta fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq ordni tas-socjeta' konvenuta.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Settembru, 2004 kontra s-socjeta' konvenuta, li r-rapprezentanti guridici taghha gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta prezentata fit-13 ta' Marzu, 2007, li biha ammettiet it-talbiet attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici tat-8 ta' Marzu, 2005 (fol.7) li biha rriduciet it-talba ghal disa' mija u disgha u sebghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm979.40) wara pagament fil-mori ta' din il-kawza.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni, l-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u disgha u sebghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm979.40).

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika tal-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------